**8 ta' Novembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

AIC Joseph Grech

*versus*

Mary mart Charles Borg *et*

**Nuqqas ta' Notifika – Nullità tas-Sentenza Mogħtija mill-Prim'Awla**

*Notifika li saret fil-Gazetta tal-Gvern ma kinitx notifika korretta għaliex meta saret id-data fiha indikata kienet diġà ilha li għaddiet bi ħdax-il ġurnata.*

Il-Qorti: –

1. F'dan l-appell ta' l-attur Arkitett u Inġinier Ċivili – kliem li ġew mill-attur stess abbrevjati, kontra dak li trid il-liġi – art. 176(1) Kap. 12 – Joseph Grech qed jitlob li tiġi annullata s-sentenza ta' Novembru, 1993; għaliex huwa ma giex notifikat regolarment bl-avviz tat-trattazzjoni tal-kawża, u l-ewwel Qorti allura għaddiet biex tippronunzja s-sentenza msemmija, minghajr ma qatt semghetu;

2. Dak li ġara kien dan. L-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni tiegħu fl-**14 ta' April, 1992**, u indika, bhala l-indirizz fejn għandu jiġi nnotifikat li-fond 59, St. Domenic Street, Valletta;

3. Il-kawża ġiet appuntata għat-trattazjoni għat-**8 ta' Ġunju, 1992**, fid-9 ta' fil-għodu iżda l-attur ma ġiex innotifikat għaliex meta mar il-postin bl-avviż fl-indirizz tal-Belt, fl-**24 ta' April, 1992**, ma kien hemm ħadd;

4. Fis-seduta tat-**8 ta' Ġunju, 1992**, ma deher ħadd, u l-Qorti, wara li nnutat li l-attur ma kienx gie innotifikat bl-avviż iddiferiet il-kawża għat-**23 ta' Ottubru, 1992**. F'din l-aħħar data reġa ġara l-istess ħaġa - reġa' tniżżel l-istess verbali u l-kawża ġiet iddifferita għall-**11 ta' Diċembru, 1992**, "għall-aħħar darba għal dan l-iskop";

*Omissis;*

L-affissjoni saret fis-**26 ta Frar, 1993**, però fis-seduta tal-**5 ta' Marzu, 1993** il-Qorti, wara li semgħet lil Mary Borg li indikat illi hija ma kinitx taf fejn qed joqgħod l-attur għaliex ir-residenza ta' Ħal-Balzan kienet taf biha erba' snin qabel, ordnat "l-avviż jiġi maħruġ fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern" u ħalliet il-kawża għat-**22 ta' Marzu, 1993**;

"L-avviż" li ġie ordnat deher fil-Gazzetta tal-Gvern fit-**2 ta' April, 1993**, però naturalment, b'dik it-tempestività li jiddistingwi dawn il-mekaniżmi, l-istess "avviż" – mhux biss ma kienx sempliċement indikazzjoni ta' l-appuntament tal-kawża għaliex dik kienet in-notifika li kienet nieqsa, u li kellha ssir imma dehret "fil-qosor" it-talba taċ-ċitazzjoni, – imma aktar u aktar – id-differiment kien indikat **għat-22 ta' Marzu, 1993** fid-9.00a.m. – aktar minn għaxart (10) ijiem **qabel** ma deher l-avviż;

5. Intant jidher li l-ewwel Qorti ħaditha illi l-attur kien issa notifikat minkejja dak li għadu kif intqal, u fis-seduta tas-**26 ta' April, 1993**, il-kawża ġiet differita għad-deċizjoni dwar l-ewwel eċċezjoni għad-9 ta' Ġunju, 1993, u eventwalment **fl-10 ta' Novembru, 1993**, giet ippronunzjata s-sentenza appellata li laqgħet l-ewwel eċċezjoni tal-konvenuti, u ċaħdet it-talbiet ta' l-attur – bl-ispejjez kontra tiegħu;

6. Skond ix-xhieda ta' Mary Borġ tal-**5 ta' Marzu 1993**, l-attur kien fil-kuridur tal-Qorti f'dik id-data u allura m'hemmx dubju li l-attur volutament u konsapevolment skond l-espressjoni pittoreska ta' tradizzjonijiet tagħna "għamilha tal-ħmar biex ma jħallasx dwana". Jibqa' però l-fatt illi formalment in-notifika li saret permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ma kinitx notifika korretta għaliex meta saret, id-data fiha indikata kienet diġà ilha li għaddiet bi ħdax-il ġurnata;

L-art. 811(b) Kap. 12 jiddisponi illi waħda mir-raġunijiet li hija ammessa ritrattazzjoni hija:

"Jekk **iċ-ċitazzjoni** ma tkunx ġiet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet notifikata,

ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża'';

B'analoġija, il-każ ta' nuqqas ta' notifika ta' **avviż** ta' appuntament jista' b'xi mod jiġi argumentat illi allura, l-appell interpost mill-attur jevita ritrattazzjoni;

Din il-Qorti però tħoss li hemm prinċipju bazilari li jġiegħlha tasal għall-konkluzzjoni infraskritta. Dan huwa dak li għalih dejjem issir riferenza għalih bil-massima *''audi alteram partem''*. Effettivament l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-eċċezjoni tal-konvenuti meta l-atturi ma nstemax in kontestazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni illi, kif intqal, ma kienx ġie korettement notifkat bl-avviż tal-ġurnat preċiża li fiha kellha tiġi ttrattata l-kawża;

7. Minħabba din iċ-ċirkostanza allura din il-Qorti qed tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-**10 ta' Novembru, 1993**, u konsegwentement l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel Onorabli Qorti biex il-kawża tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi;

Fiċ-ċirkostanzi huwa rakkomandabbli li din il-kawża tingħata preferenza fit-trattazzjoni billi d-drittijiet tal-partijiet jesiġu li ma jkunx hemm intralċ aktar minn dan li kkawza din is-sentenza;

Spejjeż għall-appellant.